**MINUTI**

**GVERN LOKALI ĦAL TARXIEN**

IS-SEBA' LEĠISLATURA 2013 - 2017

**SEDUTA NUMRU 06/07**

Il-Ħamis 22 ta' Awwissu 2013 fil-5.00pm

**PREŻENTI**

| | | |
|---|---|---|
| *JOSEPH ABELA* | *SINDKU* | |
| *PAWLU FARRUGIA* | *VIĊI SINDKU* | |
| *FRANCIS AGIUS* | *KUNSILLIER* | |
| *KEITH DARMANIN* | *KUNSILLIER* | |
| *LAWRENCE BONAVIA* | *KUNSILLIER* | *6.00pm - 8.00pm* |
| *ISHMAEL DALLI* | *KUNSILLIER* | *7.00pm - 8.00pm* |
| *DORIS VELLA* | *KUNSILLIER* | |
| *PAUL J. PACE* | *SEGRETARJU EŻEKUTTIV* | |
| *ANTONELLA GALEA* | *ASST. PRINCIPAL* | |

**AGENDA**

1. Qari u approvazzjoni tal-Minuti
2. Komunikazzjoni mis-Sindku (Inkluż Korrispondenza)
3. Affarijiet Finanzjarji: Skeda ta' Pagamenti
4. Tenders
5. Xogħlijiet Infrastrutturali
6. Laqgħa tal-Lokalita'
7. Rapport mill-Kunsillieri
8. Ħwejjeġ Oħra
9. Għeluq tal-Laqgħa

**TALBA**

**Is-Sindku qal il-talba u ppressieda l-laqgħa.**

## 1 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti

i Il-Minuti tal-Laqgħa 05/07 tat-23 ta' Lulju 2013 ittieħdu bħala moqrija peress li ġew iċċirkulati minn qabel.

ii Dawn ġew approvati unanimament. Il-Minuti ġew iffirmati mis-Sindku s-Sur Joseph Abela u mis-Segretarju Eżekuttiv is-Sur Paul J. Pace.

## 2 Komunikazzjoni mis-Sindku (inkluż korrispondenza)

**i.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li hu flimkien mal-Kunsillier s-Sur Frans Agius ser ikollhom laqgħa nhar il-11 ta' Settembru 2013 mal-NTOM sabiex jissuġġerixxu ukoll kif nistgħu nutilizzaw b'mod konġunt din l-information kiosk. Pero sadanittant bħala Kunsill ser niċċekkjaw mal-PPCD kif nistgħu nipproċedu. ERDF – Laqgħa MTA

ii. Il-Viċi Sindku nforma lill-Kunsill li ntbgħatet rikjesta mill-uffiċċjal tal-OPM is-Sur Joe Tanti lill-Housing Authority sabiex jara fhix wasal il-pagament. Kompla jgħid li l-Housing rrispondiet lura fuq ix-xogħol ta' ġol blokki li m'għandu x'jaqsam xejn ma' dak miltub. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li hu u Seg. Eżek. ser ikollhom laqgħa maċ-Chairman tal-Housing fuq dan il-pagament fil-jiem li ġejjin. Proġett-Tisbiħ Luqa Road

ii.i Is-Sindku nforma lill-Kunsill li dwar l-ittra li rċevejna mingħand is-Sur Vincent Schembri, dan ġab il-Kunsill l-irċevuti tal-kera ta' dik il-biċċa art li jmorru lura sal-2008. Is-Sindku ssuġġerixxa li fil-każ jitlob lis-Sur Schembri kopja wkoll tal-kuntratt. Is-Sindku kompla jgħid li l-uffiċċju ġew żewġ persuni mid-Dipt tal-Artijiet sabiex jaraw il-permessi li kellna fl-art in kwistjoni. Il-Viċi Sindku talab dettalji ta' min huma dawn iż-żewġ persuni sabiex jiċċekkja huwa personalment dwar il-każ. Vince Schembri

iii Dwar ir-Restawr tan-Niċċa ta' San Pawl, is-Sindku nforma lill-Kunsill li x-xogħol tlesta u ċ-ċerimonja saret. Fejn anke kien preżenti d-Direttur tal-Kunsilli Lokali. Restawr tan-Niċċa ta' San Pawl u Tal-Kunċizzjoni

Rigward ir-restawr tan-Niċċa tal-Kunċizzjoni li hemm fi Triq Xintill ma Sqaq Xintill Nru 2, is-Sindku qal li ktibna lill-Kuntrattur sabiex jagħtina stima tax-xogħol fuq din in-niċċa.

iv Rigward il-PPP, is-Seg Eżek ipprepara rapport dettaljat tax-xogħlijiet kollha li saru relatati mat-toroq kemm tal-PPP u tar-Resurfacing. Huwa ppreżenta dan ir-rapport fejn spjegah fid-dettal u kopja ta' dan ir-rapport ser jiġi anness mal-Minuti. PPP u Resurfacing

v Is-Sindku qal li ladarba l-Kunsill jkollu l-fondi ser jara li fejn hemm bżonn isir major patching għandhom jinġiebu stimi u rigward xogħlijiet in konnessjoni mal-PPP il-Kunsill iddieċieda li l-ewwel 2 toroq li għandhom isiru jkunu Triq il-Fieres u Triq is-Sorijiet.

v.i Rigward l-ground 5a-side s-Sindku nforma lill-Kunsill li l-Perit għadu ma ppreżentax ir-rapport fuq il-Grawnd. Rigward il-qlugħ tax-xibka li hemm mdendla u mqatta' kollha qal li ser jagħmel kuntatt mal-Aġenzija tal-Insurance biex jara tistax tinqala'. 5 aside Ground

Il-Kunsill qabel u ssuġġerixxa li qabel ma tinqala' nieħdu wkoll xi ritratti tagħha hekk kif inhi ħabba l-insurance.

vi Dwar il-każ tar-razzett li hemm fi Triq San Tumas, is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-ittra, li l-avukat fformolalna biex tintbgħat lir-residenti, hija lesta u ser jieħu ħsieb li jqassamha huwa stess. Is-Sindku qara lill-Kunsill l-ittra li ser tintbgħat. Razzett fl-akkwati ta' Triq San Tumas

Il-Kunsill qabel ma' din l-ittra.

vii Rigward l-armar ta' dawl fil-ġonna, il-Viċi Sindku talab lis-Seg. Eżek kopja tal-email li rċevejna bħala risposta mingħand id-Dipt. Gvern Lokali. Din l-email ser tiġi ċċirkolata lil Kunsillieri kollha. Armar ta' Ġonna minn NGO

viii Is-Sindku nforma lill-Kunsill li rigward l-email mingħand is-Sinj. Josette Darmenia bis-suġġett "Plea for Actavis Lifecycle Sponsorship" fejn dawn mingħand kull Kunsill Lokali qed jitolbu donazzjoni ta' €100, għadna qed nistennew risposta ċara mingħand id-Dipt Gvern Lokali. Donazzjoni "Actavis Lifecycle"

ix Is-Seg. Eżek. nforma lill-Kunsill li tħallas l-ammont ta' €2699.82 għall-permess tal-proġett għall-parking f'Luqa Rd. Permess MEPA Parkeġġ– Luqa Road

x Rigward l-użu ta' vann ieħor relatat ma xogħol tal-Kunsill u l-ħlas tal-fuel għal dan l-użu, is-Sindku talab lis-Seg. Eżek. jispjega r-risposta li rċevejna. Is-Seg. Eżek. qara l-email li rċevejna. Il-Viċi Sindku, kif ukoll il-kunsillieri Sur Frans Agius u Sur Keith Darmanin talbu li nerġgħu nibgħatu lura lid-Dipt. Gvern Lokali sabiex jagħtuna spjegazzjoni aktar ċara u dettaljata u bil-miktub. Ħlas ta' Fuel

Is-Seg. Eżek. ser jieħu ħsieb jagħmel dan.

xi Rigward it-talbiet għall-fondi dwar skemi tal-EU, is-Sindku qara l-lista suġġerita. Proġetti tal-EU

a) Embellishment tal-Village Core
b) Embellishment tal-Ġonna
c) War Shelter ta' wara l-Knisja (Sqaq Brittaniku Nru 1 u 2)
d) Monitoraġġ tal-ambjent/ Emissjonijiet mit-Traffiku
e) Tranġar tal-Bereġ

Is-Sindku qal li din tal-Bereġ huwa suġġeriment ġdid li għamel il-Kunsillier s-sur Lawrence Bonavia. Is-Sur Bonavia qal li forsi minflokk tranġar ta bereġ nistgħu naraw jeżistux proġetti ta' saħħa fuq bażi lokali. Rigward tal-Bereġ is-Sur Bonavia kompla jgħid li saret laqgħa bejn il-Kunsilli Lokali, AKL u l-Ministeru tas-Saħħa u d-Dipt. tal-Kura Primarja. Preżenti kien hemm ukoll s-Seg. Parlamentari Dr Jose' Herrera. Qal li l-ħsieb kien dwar il-possibilita' li jiġu devoluti ċerta responsabbiltajiet relatati mas-saħħa lill-Kunsilli Lokali li fosthom huma il-Bereġ.

Is-Sur Bonavia talab ko-ordinazzjoni u ko-operazzjoni mal-Kunsillieri sħabu sabiex flimkien iħeġġu lill-pubbliku sabiex jattendu għal diskussjonijiet dwar is-saħħa.

Il-Kunsillier Keith Darmanin qabel li ssir taħdida relata mas-saħħa addattata għaż-żgħażagħ.

3 **Affarijiet Finanzjarji – Skeda ta' Pagamenti**

Il-Kunsill approva unanimament l-Iskeda ta' Pagamenti. Din l-iskeda ġiet iffirmata mis-Sindku s-Sur Joseph Abela, mis-Seg. Eżek is-Sur Paul J. Pace u minn żewġ Kunsillieri.

4 **Tenders**

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li bħalissa hemm 3 tenders miftuħa għall-pubbliku li huma : Bulky Refuse; Skips u Public Convenience b'żewġ opzjonijiet m'għassa jew le. Is-Sindku qal li fir-rigward tal-Bulky refuse qed jissuġġerixxi li minflokk ġurnata waħda jkun hemm jumejn allokati għall-ġbir.

Il-Kunsill qabel ma dan is-suġġeriment.

ii Il-Kunsillier Frans Agius ssuġġerixxa jekk bħal-lokalitajiet oħra jistax ukoll ikunu allokati

jumejn għall-ġbir tal-borża tal-iskart riċiklat. Is-Sindku qal li ser jiċċekja ma' tal-Greenpak dwar dan.

iii Fir-rigward tat-tender tal-iskips attwali, is-Sindku qal li l-Kuntrattur Tal-Gramm avviċinah u staqsih biex il-Kunsill jibgħatlu bil-miktub x'diskrepanzi l-Kunsill sab u hu lest li jattendi għal-laqgħa flimkien mal-Avukat tiegħu sabiex jiġu diskussi dawn id-diverġenzi. Huwa qal li fejn hemm xi nuqqasijiet lest li jekk il-Kunsill jaqbel jpatti għalihom b'xogħol. Is-Sindku qal li l-kuntrattur qallu wkoll li hu ma setgħax jaħdem bil-prezzijiet li qed jitlob il-Kunsill u li hu kien tkellem mas-Sindku u mas-Segretarju Eżek. ta' dak iż-żmien u sinjal li dawn qablu biex tħallas. Saħansitra l-Kunsill kollu qabel ladarba baqa' jirċievi l-pagamenti regolarment.

iii.i F'dan il-waqt il-Viċi Sindku rrimarka li din hija akkuża serja u jesiġi kjarifika dwar dan.

iv Hawnhekk il-Kunsill qabel unanimament li t-tlett tenders joħorġu. Dawn it-tenders ser jibqgħu fis-suq sal-aħħar ta' Settembru 2013.

v Is-Sindku ressaq quddiem il-Kunsill 3 kwotazzjonijiet għall-bdil ta' injam u lostru ta' 24 bank u 10 bins tat-toroq. VAT inkluż.

*24 bank + 10 bins:-:-*
i) Anton Agius €1945 ; ii) Robert Meli €1570; iii) Martin Agius Opt 1 €3332 Opt 2 €2492

Il-Kunsill qabel unanimament li l-irħas offerta globali hija dik ta' Robert Meli.

## 5 Xogħlijiet Infrastrutturali

i Is-Sindku qal li peress li din is-sena it-Tempji Neolitiċi ser jagħlqu 100sena mill-iskoperta tagħhom, qed jissuġġerixxi li nirranġaw il-bankina ta' quddiem it-tempji u jagħmel id-dawl fil-bankina. Pero biex isir dan ix-xogħol iridu jinqalgħu s-siġar tad-dawra. Ser jintalab il-permess lill-Awtorita' konċernata biex jinqalgħu dawn is-siġar.

Il-Kunsill qabel fil-prinċipju ma' din il-proposta.

ii Is-Sindku ssuġġerixxa li ~~l-bankina~~ li hemm fi Vjal Simmons tinbidel.

Il-Kunsill qabel li din tinbidel.

## 6 Laqgħa tal-Lokalita'

Rigward il-laqgħa tal-lokalita', is-Seg. Eżek. qal li ser jibgħat jinforma lill-Kunsillieri bid-dettalji tad-data u l-ħin permezz ta' email fil-ġranet lil ġejjin.

## 7 Rapport tal-Kunsillieri

*Rapport mill-Viċi Sindku*

i Il-Viċi Sindku qal li kien staqsa lis-Seg. Eżek. dwar dettalji ta' ħlas għall-valur ta' madwar €965. Qal li s-Seg. Eżek. kien ikkonfermalu li din l-ispiża kienet relatata max-xogħol fuq iċ-ċint.

ii Il-Viċi Sindku talab lis-Seg. Eżek. rendikont tal-ispejjeż kollha nvoluti sabiex sar ir-refurbishment tal-uffiċini tal-Kunsill Lokali.

*Rapport mill-Kunsillier Frans Agius*

i Is-Sur Agius qal li m'applika ħadd għall-Kors tal-Parċmina ħlief 4 għal kors ta' Ottubru.

ii Is-Sur Agius issuġġerixxa li għall-Ottubru l-Kunsill jiftaħ il-korsijiet tal-Malti, Ingliż u Matematika fuq livell bażiku kif ukoll korsijiet tal-Artiġjanat bħal Parċmina, u bizzilla.

Il-Kunsill qabel.

*Rapport Mill-Kunsillier Keith Darmanin*

i Is-Sur Darmanin qal li l-lezzjonijiet tal-aerobics ser jibdew fit-28 ta' Awwissu fis-6.00pm fil-5-aside ground tal-Kunsill.

ii Is-Sur Darmanin qal li l-Exchange fl-Ingilterra saret. Il-Viċi Sindku staqsa jekk dawn iż-żgħażagħ ħadux lura l-flus fuq il-passaġġ. Is-Sur Darmanin qal li suppost fil-jiem li ġejjin din ir-rifużjoni għandha titħallas. Spjega li ser jingħataw 70% tal-ispejjeż tal-biljett tal-ajru kif ukoll ser jingħataw id-differenza kollha li tħallset żejda tas-somma mitluba oriġinarjament għal kemm fir-realta kien jiswa l-biljett tal-ajru.

iii Is-Sur Darmanin qal li għadu qed jikkordina mal-pulizija sabiex jittellgħu laqgħat għar-residenti.

iv Is-Sur Darmanin qal li l-BBQ għaż-żgħażagħ sar u rringrazzja lis-Sindku talli ssponsorja minn butu l-ikel.

v Is-Sur Darmanin qal li hemm training fir-Rumania għal 3 persuni ta' minn 18 –il sena 'l fuq. Id-dati huma bejn is-7 u 14 ta' Settembru. Is-Sur Darmanin staqsa lill-Kunsillieri biex min għandu lil xi ħadd f'moħħu jgħaddilu d-dettalji u jagħmel kuntatt magħhom hu.

vi Is-Sur Darmanin qal li ser jorganizza ġurnata għall-Kemmuna nhar l-4 ta' Settembru 2013. €7 l-ispejjeż għall-lanċja. Huwa talab sabiex il-Kunsill iħallas għat-trasport bil-*coach*.

Il-Kunsill qabel li jħallas it-trasport bil-*coach*.

*Rapport mill-Kunsillier Ishmael Dalli*

I Is-Sur Dalli qal li s-Sibt 14 ta' Settembru ser terġa tiġi organizzata l-attiivta' tar-riċiklar tat-tessuti.

ii Is-Sur Dalli qal ukoll li għamel kuntatt mal-GREENPAK u ser jinkluduna wkoll fl-iskema tal-Award.

*Rapport mill-Kunsillier Doris Vella*

i Is-Sinj. Vella tat rendikont tal-ħarġiet li organizzat għat-tfal fis-Sea Bank Hotel kif ukoll għall-ħarġa għall-Għawdex. Hija qalet li ż-żewġ ħarġiet kienu suċċess u kien hemm konkorrenza tajba.

ii Is-Sinj. Vella tat rapport tal-Youth Exchange fl-Ingilterra li tagħha hija kienet waħda mill-Leaders.

## 8 <u>Ħwejjeġ Oħra</u>

i Is-Sindku qal li din is-sena l-bins għal-Lejla Tarxiniża ġibnihom b'xejn mill-Cleansing Department, filwaqt li s-sena l-oħra l-Kunsill ħallas €622 għalihom.

ii Is-Sindku nforma lill-Kunsill li ser isir ħlas ta' trasport ta' €130 lis-Sur Paul Cassar.

Il-Kunsill qabel li dan il-ħlas isir.

9 **Għeluq tal-Laqgħa**

i Il-laqgħa ntemmet fis-8.00pm.

ii Laqgħa oħra ser issir nhar l-Erbgħa 25 ta' Settembru 2013.

**Sur Joseph Abela**
**Sindku**

**Sur Paul Pace** Dip. B. A. Bus Mangt MBA
**Seg. Eżek**